MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru 386/2013

**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**

**VS**

**JASON CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Cassar ta' 30 sena, bin Michael Cassar u Grace nee' Portelli, mwieled fit-28 ta' Mejju1984, residenti Carina, Triq Santa Duminka, Rabat Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 22184G;

> Talli nhar is-26 ta' :ulju 2011 ghal habta tas-7.20am gewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, waqt li kien qed isuq mutur bin-numru tar-registrazzjoni BBU 905 ta' ghamla Yamaha, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas tat-trhairs tar-regolmaneti tat-traffiku, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Gratian Sant u dan skont ma ccerifikat Dr Anette Cauchi MD;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu, mutur tat-tip Yamaha TT250R, bin-numru BBU – 905, fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar, fid-data u l-hin indikati. Hu kien wieqaf fuq il-"crossing lights" f'dik it-triq, quddiem Scotts Supermarket, gej mid-direzzjoni tal-Mosta u sejjer lejn San Pawl il-Bahar. Meta d-dawl qaleb ahdar, hu saq, izda hekk kif beda miexi, qasamlu Gratian Sant bil-mixi min-naha tal-lemin tieghu u ntlaqat mill-mutur, bil-konsegwenza li Sant sofra xi griehi. Ghalhekk ittiehdu dawn il-proceduri.

Mill-provi prodotti jirrisulta li ma hemmx kontestazzjoni fuq il-fatti. It-triq hija wahda gejja ghal liwja izda li xorta tippermetti vizwali tajba. Il-hin kien filghodu u l-vizibilita' kienet tajba. Ix-xemx kienet telghet u ghalhekk ma hemmx xi nuqqas ta' dawl meta sehh l-incident. Fost il-fatti relevanti ghall-htija o meno tal-imputat ghal dan l-incident, hemm il-fatt li Sant ma qasamx minn fuq "zebra crossing" ftit 'il fuq minn fejn sehh l-incident, u qasam minn wara vettura parkeggata fuq in-naha opposta tat-triq minn fejn kien ghaddej Cassar. Irrisulta li Sant qasam jigri t-triq, presumibbilment ghax id-dawl tal-"crossing" kien qaleb ahdar ghall-vetturi. Hu kien xehed u qal li qasam it-triq darbtejn, biex jiehu xi affarjiet mill-vettura ta' zijuh, li kienet wieqfa n-naha opposta tat-triq. Hija proprju din il-manuvra li ghamel Sant li wasslet ghall-incident in kwistjoni. L-imputat bl-ebda mod ma seta jipprevjeni li persuna ser taqsamlu t-triq minn wara vettura wieqfa, u li sejra taqsam tigri ghall-karreggjata tieghu. L-anqas lahaq tella' xi velocita' l-imputat li forsi wiehed jista' b'hekk jattribwixxi xi negligenza kontributorja da parti tieghu. Jidher ghalhekk li l-emergenza subitanja halaqha biss il-vittma Gratian Sant li ma zammx "a proper lookout" meta qabad u qasam it-triq b'dak il-mod u gie quddiem il-mutur li, minhabba fl-

immedjat li gie rinfaccjat bih, ma setax jevita li jolqot lil Sant. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ma jahti xejn ghal dan l-incident, u sejra tilliberah minn din l-akkuza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------